MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 38/2006/1

Rikors Nru: 38/2006

Mary Grace Vassallo

vs

John Axiaq

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2006 fejn esponiet:

Illi hija tikri l-fond ufficjalment immarkat bin-numru 160 (mija u sittin) Main Street Zabbar lill-intimat bil-kera ta' Lm33 (tlieta u tletin lira Maltija) pagabbli kull sena bil-quddiem, u l-ahhar skadenza fit-tletin (30) ta' Settembru.

Illi ghalkemm l-intimat gie nterpellat f'zewg okkazzjonijiet separati sabiex ihallas il-kera dovut ghall-perijodu 30 ta'

Settembru 2003 sa 29 ta' Settembru 2004 u 30 ta' Settembru 2004 sa 29 ta' Novembru 2005 huwa baqa' nadempjenti.

Illi dan in-nuqqas da parti ta' l-intimat jikkostitwixxi raguni valida fil-ligi sabiex ir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-fond mghoddi lill-intimat b'kera kif aktar il-fuq indikat.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu illi ghar-ragunijiet premessi jawtorizzah illi jirriprendi l-fond hawn fuq indikat u dan f'perijodu qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra li twegiba ma gietx imressqa fir-Registru ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat fit-23 ta' Gunju 2006 kif ukoll li t-talba tar-rikorenti ma gietx kontestata bl-ebda mod.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-artikolu 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga' tiehu f'idejha l-fond numru 160, Main Street, Haz-Zabbar; ghall-ghan ta' tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------